# 34. Il-Mitħna tal-Ilma

Nefħa nefħa r-riħ ma’ l-ajru
fuq il-għalqa sfiq għaddej;
gliegel gliegel l-ilma ġieri
taħt il-għalqa sfiq mexxej;

Lir-riħ taqbad b’idha l-waħda,
u fl-antinni żżommu jdur;
l-ilma ġieri b’idha l-oħra
ġewwa l-għajn iġġagħlu jfur;

Kemm hi brava l-mitħna tagħna,
li taf tgħaqqad ilma w riħ,
u bit-tnejn mingħajr tbatija
trabbi l-ħxejjex is-sajf sħiħ!

Kemm hi brava l-mitħna tagħna,
Alla ħares ma tkunx hija;
iħobbuha l-ħxejjex kollha,
ġemgħa kbira ħadranija;

Magħha jitla’ l-għerq tal-qargħa,
kif il-kelb jitla’ mas-sid;
qatgħa qatgħa l-ħut ħamrani
mill-qiegħ jitla’ fejn ibid,

u b’geddumu dejjem sejjer,
jiftaħ jagħlaq bla mistrieħ,
donnu jrid lill-mitħna jagħti
radd ta’ ħajr u radd ta’ ġieħ!

Wara jum idur mas-sienja
il-bagħ’l ġwejjed tal-ġirien
illi sidu jixtri mitħna
ma jarax li jiġi żmien.